**17 ta' Frar, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Agnes Bezzina *et*

*versus*

Albert Rizzo

**Ritrattazzjoni - Petizzjoni Mingħajr Malleverija - Inammissibilita`**

*Huwa manifest li l-proċedimenti kollha quddiem il-Qorti ta' l-Appell biex jibdew iridu jkunu koperti b'garanzija għall-ispejjeż - jkun x'ikun l-att li jiġi użat - sakemm m'hemmx eċċezzjoni esplicita` fil-liġi speċjali li tgħid il-kuntrarju, li mhux il-każ preżenti.*

*Għalhekk il-petizzjoni ta' ritrattazzjoni hija inammissibbli.*

Il-Qorti:-

Din il-Qorti ddeċidiet l-appell li kien sar minn Albert Rizzo kontra deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera. Is-sentenza tal-Bord kienet tat-18 ta' Lulju, 1991 u dik ta' din il-Qorti tas-17 ta' Ġunju, 1994;

Fl-10 ta' Awissu, 1994 Albert Rizzo ippreżenta petizzjoni għar-ritrattazzjoni tal-kawża;

Agnes u Paul konjugi Bezzina, fir-risposta tagħhom preliminarjament opponew in-nullita` tal-petizzjoni għar-raġunijiet li kellhom jissemmew fit-trattazzjoni tal-kawża;

*Omissis*;

Il-kwistjoni proċedurali ssollevata mill-konjugi Bezzina stabbiliet illi la mill-atti stess jirriżulta li l-petizzjoni m'hiex akkumpanjata minn garanzija għall-ispejjeż, hija fatt li għal kull possibilita` ta' proċediment ulterjuri tal-kawża. Infatti l-artikolu 249 Kap. 12 jgħid:

"(1) Ebda petizzjoni ta' appell ma tiġi riċevuta li ma tkunx ippreżentata flimkien ma' garanzija għall-ispejjeż tal-kawża.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jgħoddu għaċ-ċitazzjoni, meta l-liġi trid jew tippermetti li jitmexxa b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell kif ukoll għall-każijiet illi fihom it-tmexxija b'ċitazzjoni hija ordnata minn liġi speċjali,

*jekk dik il-liġi stess ma tkux tiddisponi xort'oħra*";

Huwa manifest li l-proċedimenti kollha quddiem din il-Qorti ta' l-Appell biex jibdew iridu jkunu koperti b'garanzija għall-ispejjeż - jkun x'ikun l-att li jiġi użat - ammenoche m'hemmx eċċezzjoni espliċitia fil-liġi speċjali li tgħid il-kuntrarju, li mhux il-każ;

Minħabba dan id-difett radikali u perentorju ma tistax il-Qorti tgħaddi biex teżamina l-portata ta' l-artikoli 739 u 814 tal-Kap.12 li huma implikati wara l-preżentata tan-Nota tas-17 ta' Jannar, 1995 għas-sempliċi raġuni li n-nuqqas ta' garanzija tippreċedi kull *kwistjoni* oħra għaliex huwa l-att promotorju stess li minħabba f'dak in-nuqqas ma jistax jiġi "riċevut" mill-Ordinament;

Għal dawn ir-raġunijiet, l-Qorti tiddikjara l-petizzjoni ta' ritrattazzjoni ta' Albert Rizzo inammisibbli;

Bl-ispejjeż.